



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.9.2011
KUMM(2011) 598 finali

2011/0260 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

Wara l-proċess ta' negozjati tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mar-reġjuni tal-AKP li beda fl-2002 u li ġie fi tmiemu f'Diċembru tal-2007, kien hemm għadd ta' pajjiżi li la ħadu l-passi neċessarji għar-ratifikazzjoni ta' FSE u lanqas ma kkonkludew negozjati reġionali komprensivi.

B'mod partikolari, ir-Repubblika tal-Burundi, l-Unjoni tal-Komoros, ir-Repubblika tal-Gana, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika tan-Namibja, ir-Repubblika tar-Rwanda, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, ir-Repubblika tal-Uganda, u r-Repubblika taż-Żambja, kienu kkonkludew xi negozjati iżda ma ffirmawx il-Ftehimiet rispettivi.

Ir-Repubblika tal-Botswana, ir-Repubblika tal-Kamerun, ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, ir-Repubblika tal-Gżejjer tal-Fiġi, ir-Repubblika ta' Haiti, ir-Renju ta' Lesoto, ir-Repubblika tal-Możambik, ir-Renju tas-Sważiland u r-Repubblika taż-Żimbabwe ffirmaw il-Ftehimiet rispettivi tagħhom, iżda ma ħadux il-passi neċessarji għar-ratifikazzjoni tagħhom.

Għaldaqstant, dawn il-pajjiżi ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-Regolament dwar l-Aċċess għas-Suq b'mod li jibbenefikaw mill-applikazzjoni provviżorja u antiċipata tal-preferenzi kummerċjali li kienu estiżi għalihom mill-1 ta' Jannar 2008 bi tħejjija għall-passi li kellhom jittieħdu għar-ratifikazzjoni ta' FSE. Skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007, il-preferenzi kummerċjali mogħtija lil dawn il-pajjiżi ma għadhomx jibqgħu fis-seħħ. Il-proposta meħmuża hija maħsuba biex temenda l-lista tal-pajjiżi li jibbenefikaw mill-preferenzi (l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007) billi jitneħħew dawk li għadhom ma ħadux il-passi neċessarji għar-ratifikazzjoni ta' FSE. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem bil-għan li tiżgura li dawn il-pajjiżi jsiru parti kontraenti ta' FSE, u se tkun qed tuża il-momentum li nbena riċentement fin-negozjati differenti biex toħloq strateġija kummerċjali sostenibbli u fit-tul ma' dawn l-imsieħba skont id-direttivi tan-negozjati tal-FSE u l-prijoritajiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Cotonou.

Il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Grupp tal-Istati tal-AKP u lis-soċjetà ċivili li s-sitwazzjoni attwali mhix waħda sostenibbli, u dan minħabba li l-aċċess għas-suq mingħajr dazju u mingħajr kwoti xorta għadu jingħata lill-pajjiżi benefiċjarji li mhumieq qed jieħdu l-passi neċessarji għar-ratifikazzjoni tal-ftehimiet li fuqu hu bbażat dan l-aċċess, hekk li ma jiġġustifikax l-applikazzjoni provviżorja u antiċipata tal-preferenzi kummerċjali.

Jekk il-pajjiżi li jitneħħew mill-Anness I jieħdu l-passi neċessarji għar-ratifikazzjoni ta' FSE, dawn jibqgħu jibbenefikaw mill-preferenzi kummerċjali rispettivi u għaldaqstant ikunu jistgħu jerġgħu jiddaħħlu fl-Anness malajr kemm jista' jkun sabiex jipprovdu l-kontinwità fl-aċċess tagħhom għas-suq. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għall-fini li temenda l-Anness I biex ikunu jistgħu jerġgħu jiddaħħlu dawn il-pajjiżi.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) In-negozjati dwar il-Ftehimiet tas-Sħubija Ekonomika ("il-Ftehimiet") bejn:
l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa, ul-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fis-16 ta' Diċembru 2007;

il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Parti tal-Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fis-17 ta' Diċembru 2007• (ir-Repubblika tal-Kamerun);

il-Gana, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fit-13 ta' Diċembru 2007;

il-Kosta tal-Avorju, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fis-7 ta' Diċembru 2007;

l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fit-28 ta' Novembru 2007 (ir-Repubblika tas-Seychelles u r-Repubblika taż-Żimbabwe), fl-4 ta' Diċembru 2007 (ir-Repubblika tal-Mawrizju), fil-11 ta' Diċembru 2007 (l-Unjoni tal-Komoros u r-Repubblika tal-Madagaskar) u fit-30 ta' Settembru 2008 (ir-Repubblika taż-Żambja);

l-Istati tal-FSE SADC, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fit-23 ta' Novembru 2007 (ir-Repubblika tal-Botswana, ir-Renju ta' Lesoto, ir-Renju tas-Swaziland, ir-Repubblika tal-Możambik) u fit-3 ta' Diċembru 2007 (ir-Repubblika tan-Namibja);

I-Istati Msieħba tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fis-27 ta' Novembru 2007;

I-Istati Paċifiċi, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fit-23 ta' Novembru 2007.

- (2) Il-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehimiet minn Antigwa u Barbuda, il-Commonwealth tal-Bahamas, il-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika tal-Botswana, ir-Repubblika tal-Burundi, ir-Repubblika tal-Kamerun, l-Unjoni tal-Komoros, ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, il-Commonwealth ta' Dominika, ir-Repubblika Dominikana, ir-Repubblika tal-Gżejjer tal-Fiġi, ir-Repubblika tal-Gana, il-Grenada, ir-Repubblika Koperattiva tal-Guyana, ir-Repubblika ta' Haiti, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Renju ta' Lesoto, ir-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika tal-Możambik, ir-Repubblika tan-Namibja, l-Istat Indipendenti tal-Papwa Ginea Ġdida, ir-Repubblika tar-Rwanda, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, Santa Luċija, Saint Vincent u l-Grenadini, ir-Repubblika tas-Seychelles, ir-Repubblika ta' Surinam, ir-Renju tas-Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, ir-Repubblika ta' Trinidad u Tobago, ir-Repubblika tal-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja¹ u r-Repubblika taż-Żimbabwe ppermettiet l-inklużjoni tagħhom fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim[iet] li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim[iet] ta' Sħubija Ekonomika².
- (3) Ir-Repubblika tal-Botswana, ir-Repubblika tal-Burundi, ir-Repubblika tal-Kamerun, l-Unjoni tal-Komoros, ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, ir-Repubblika tal-Gżejjer tal-Fiġi, ir-Repubblika tal-Gana, ir-Repubblika ta' Haiti, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Renju ta' Lesoto, ir-Repubblika tal-Możambik, ir-Repubblika tan-Namibja, ir-Repubblika tar-Rwanda, ir-Renju tas-Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, ir-Repubblika tal-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja, u r-Repubblika taż-Żimbabwe ma ħadux il-passi neċessarji għar-ratifikkazzjoni tal-ftehimiet rispettivi tagħhom,
- (4) Konsegwentement, fid-dawl tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007, u partikolarment fil-punt (b) tiegħu, l-Anness I ta' dak ir-Regolament għandu jiġi emendat biex jitneħħew dawk il-pajjiżi,
- (5) Sabiex ikun żgurat li l-imsieħba jergħu jiddaħħlu immedjatament fl-Anness I ta' dak ir-Regolament appena jkunu ħadu l-passi neċessarji għar-ratifikkazzjoni tal-ftehimiet rispettivi tagħhom, u sakemm dawn jiddaħħlu fis-seħħ, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni Ewropea hekk li jkunu jistgħu jergħu jiddaħħlu l-pajjiżi mneħħija mill-Anness I permezz ta' dan ir-Regolament. Huwa ferm importanti li l-Kummissjoni Ewropea, matul ix-xogħol ta' preparazzjoni tagħha, tikkonsulta b'mod xieraq, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni Ewropea, meta tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura li jkun hemm trażmissjoni simultanja u

¹ ĠU L 330, 9.12.2008, p.1

² ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

fil-pront, kif ukoll xierqa, tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Jiddaħħlu l-Artikoli 2a u 2b li ġejjin:

Artikolu 2a

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 2b biex temenda l-Anness I billi jerġgħu jiddaħħlu dawk ir-reġjuni jew stati mill-Grupp tal-Istati tal-AKP li kienu tneħħew minn dak l-Anness permezz tar-**[Regolament (UE) Nru .../...³]**, u li minn dak iż-żmien hađu l-passi neċessarji għar-ratifikkazzjoni tal-Ftehimiet rispettivi tagħhom wara li jkunu tneħħew mill-Anness I.

Artikolu 2b

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 2a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal pejodu ta' żmien mhux definit mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 2a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ittemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada li tiġi ppubblikata d-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Id-deċiżjoni ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati li huma diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tavża b'dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 2a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jinfurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."

(2) L-Anness I jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

³ ĠU L ...,, p. .

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika fl-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

"ANNEX I

Lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati fit-tifsira tal-Artikolu 2(2):

ANTIGWA U BARBUDA

IL-COMMONWEALTH TAL-BAHAMAS

IL-BARBADOS

IL-BELIŻE

IL-COMMONWEALTH TA' DOMINIKA

IR-REPUBBLIKA DOMINIKANA

IL-GRENADA

IR-REPUBBLIKA KOOPERATTIVA TAL-GUJANA

IL-ĠAMAJKA

IR-REPUBBLIKA TAL-MADAGASKAR

IR-REPUBBLIKA TAL-MAWRIZJU

L-ISTAT INDIPENDENTI TAL-PAPWA GINEA ĠDIDA

IL-FEDERAZZJONI TA' SAN KITTS U NEVIS

SANTA LUĊIJA

SAINT VINCENT U L-GRENADINI

IR-REPUBBLIKA TAS-SEYCHELLES

IR-REPUBBLIKA TAS-SURINAM

IR-REPUBBLIKA TA' TRINIDAD U TOBAGO"

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT FUQ IL-BAĠIT ESKLUŻIVAMENT LIMITAT GĦAD-
DĦUL

1. ISEM IL-PROPOSTA

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati.

2. LINJI BAĠITARJI:

Kapitolu u Artikolu: Il-Kapitolu 12, l-entrata tal-Artikolu 120 (Id-dazji doganali)

L-ammont li ddaħħal fil-baġit għas-sena 2011: EUR 16 653 700 000

3. IMPATT FINANZJARJU

☒ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(Miljun EUR sa ċifra deċimali waħda)

Linja baġitarja	Dħul ⁴	Perjodu ta' sena li jibda mill-01/01/2014	2014
Artikolu 120	<i>Riżorsi proprji – dazji doganali</i>		+ 381.6

Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
	2015	2016			

⁴ Fejn jidħlu r-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor, id-dazji doganali) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara li jitnaqqsu l-25% tal-ħlas tal-ġbir. Skont id-Deċiżjoni attwali dwar ir-Riżorsi Proprji (Deċiżjoni tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 436/2007 tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (OJ L 163, 23.6.2007, p. 17-21). Dan jista' jinbidel bid-dħul fis-seħħ ta' Deċiżjoni ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji.

Artikolu 120	+ 381.6	+ 381.6			

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Din il-proposta temenda biss il-lista tal-benefiċjarji fir-Regolament (KE) Nru 1528/2007 u ma tikkonċernax il-miżuri tar-Regolament relatat mal-ġlieda kontra l-frodi.

5. RIMARKI OĦRAJN

Ir-Regolament (KE) Nru 1528/2007 ipprova aċċess għas-suq Ewropew ħieles mid-dazji u ħieles mill-kwoti, b'ċerti kundizzjonijiet, lil għadd ta' pajjiżi. Din il-proposta temenda l-lista tal-benefiċjarji (l-Anness I) ta' dan ir-Regolament. Jekk pajjiż jitneħħa mil-lista tal-benefiċjarji, dan jibda jesperta lill-UE skont strateġija differenti ta' kummerċ li jew tkun inqas favorevoli jew l-iktar l-iktar tkun uguali għall-istrateġija pprovduta fir-Regolament, li tirriżulta fil-ġbir ta' aktar dazji doganali fisem l-UE.

Il-kalkolu tal-impatt fuq il-baġit tal-UE jieħu s-sitwazzjoni maħluqa bir-Regolament (KE) Nru 1528/2007 bħala l-istatus quo (aċċess għas-suq Ewropew ħieles mid-dazji u ħieles mill-kwoti, mingħajr ħlaq ta' dazji). Imbagħad, għal kull pajjiż ikkonċernat, dan iqabbel l-istatus quo mad-dazji mħallsa skont l-alternattiva tal-istrateġija ta' kummerċ li kull pajjiż ikun se jibda jieħu sehem fiha ladarba jitneħħa mil-lista tal-benefiċjarji, li hi kif ġej:

- - għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs): l-iskema Everything But Arms (EBA), li toffri aċċess għas-suq Ewropew ħieles mid-dazji u ħieles mill-kwoti (mingħajr ħlaq ta' dazji);
- - għall-pajjiżi bi dħul medju superjuri (UMICs): it-trattament tal-aktar nazzjon iffavorit (MFN) (id-dazji jitħallsu skont l-iskeda ta' tariffi ġenerali tal-UE);⁵
- - għal pajjiżi oħra fi żvilupp (DCs): is-Sistema ta' preferenzi Ġeneralizzati (GSP) li tissospendi u tnaqqas it-tariffi (jitħallsu xi dazji, uħud b'rata mnaqqsa).

Ta' min jinnota li l-impatt finali tal-baġit tal-UE se jiddependi minn għadd ta' pajjiżi mneħħija mil-lista tal-benefiċjarji. Din l-emenda tipproponi li jitneħħew 18-il pajjiż mill-Anness I, li minnhom disgħa mhux se jibbenefikaw mill-iskema EBA u għaldaqstant l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-UE se jkunu suġġetti għad-dazju. Madankollu, jekk dawn jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet qabel ma tidħol fis-seħħ l-emenda fl-1 ta' Jannar 2014, dawn ikomplu jibbenefikaw mill-preferenzi kummerċjali attwali. F'dan ir-rigward, iċ-ċifra mogħtija hija l-massimu, minħabba li din tassumi li d-disa' pajjiżi kollha kkonċernati se jitneħħew: fil-fatt,

⁵ Dejjem jekk tkun adottata r-riforma tal-GSP (il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' Preferenzi ta' Tariffi Ġeneralizzati).

jekk pajjiż ikompli jibbenefika mir-Regolament, id-dazji doganali ma jiġux akkreditati fil-baġit tal-UE u l-figura tkun waħda iżgħar.

It-Tabella nru 1 tagħti rendikont tal-impatt baġitarju skont il-pajjiż ikkonċernat. Il-kalkolu huwa abbażi tas-sena 2009 u jassumi li l-fluss kummerċjali jibqa' l-istess. L-ammont tal-importazzjonijiet suġġetti għad-dazju jirrifletti l-istatus tal-pajjiż, jiġifieri l-istrateġija ta' kummerċ li tapplika fin-nuqqas tal-preferenzi pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 1528/2007. Id-dazji doganali li għandhom jiġu akkreditati fil-baġit tal-UE jiġu kkalkulati billi l-ammont tal-importazzjonijiet suġġetti għal dazju (il-kolonna 4) jiġi mmultiplikat bil-marġini ta' preferenza (id-differenza bejn ir-rati tad-dazju li japplikaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1528/2007 u l-istrateġija alternattiva ta' kummerċ, il-kolonna 5). L-ammont nett totali tad-dazji jiġu akkreditati fil-baġit tal-UE jnaqqas it-total gross bil-ħlas għall-ġbir ta' 25% li jżommu l-Istati Membri.

Tabella 1: L-impatt baġitarju skont il-pajjiż potenzjalment ikkonċernat mill-emenda proposta għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007:

1	2	3	4	5	6 = 5*4
Il-pajjiż	L-istatus tal-pajjiż	L-importazzjonijiet tal-UE	L-importazzjonijiet suġġetti għal dazju	Reg 1528/2007 Pref	Valur Pref (dazji)
		1000 EUR	1000 EUR	%	1000 EUR
il-Botswana	UMIC	370.707	35.639	81,7	29.111
il-Burundi	LDC	39.000	0	0	0
il-Kamerun	DC	1.741.473	333.724	14,9	49.858
il-Komoros	LDC	9.000	0	0	0
il-Fiġi	DC	92.402	89.986	75,3	67.782
il-Gana	DC	1.087.880	376.548	10,3	38.654
Haiti	LDC	19.000	0	0	0
il-Kosta tal-Avorju	DC	3.051.022	1.029.512	10,3	105.662
il-Kenja	DC	1.075.563	751.792	5,8	43.804
Lesoto	LDC	101.000	0	0	0
il-Możambik	LDC	679.000	0	0	0
in-Namibja	UMIC	585.765	298.663	19,5	58.156
ir-Rwanda	LDC	37.000	0	0	0
is-Swaziland	DC	130.656	125.764	52	65.427
it-Tanzanija	LDC	348.000	0	0	0
l-Uganda	LDC	371.000	0	0	0
iż-Zambja	LDC	233.000	0	0	0
iż-Żimbabwe	DC	234.992	167.459	30,1	50.365
TOTAL					508.819
TOTAL nett (wara l-flas tal-ġbir)					381.614

Sors: COMEXT (Eurostat), DG TRADE calculations